MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Numru. 208/2004

Il-Pulizija
(Spettur Frans Micallef)
vs
Hamsa Mohamed Abdalla

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Hamsa Mohamed Abdalla, li ghandu passaport numru 610868, li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fil-Gzira nhar l-10 ta’ Marzu, 2004, ghall-habta tat-3.00a.m., volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn LM 500 u cioe ghamel hsara fuq vettura numru CLZ 199 u fuq vettura ABL 539, ghad-detriment ta’ sidhom;

Fuq ammissjoni;

Issibu hati;

Wara illi rat l-Artikoli 396 (1), 392, 392 (A), 17, 325 (1) (a), u 28 A tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ikkopera mieghu matul l-investigazzjoni u l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni u evita illi ssir il-kumpilazzjoni;

Ghalhekk il-Qorti tara illi piena karcerarja mhix idonea ghall-akkadut u jkun ferm aktar ta' beneficcju jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu, ghalhekk, filwaqt illi tikkundannah ghal prigunerija ta' sentejn, tordna li din tkun sospiza ghal tlett snin millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------